MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Numru. 375/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Nicolas Paul Guillaume u**
**Antoine Lebigre**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Nicolas Pual Guillaume detentur tal-karta tal-identita` Franciza bin-numru 040227300186, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' April 2010, ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) f'St. George's Park Construction site li tinsab fi Triq Dragunar, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-
Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhbba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema reat hu aggravat bil-hin.

U Antoine Lebigre detentur tal-karta tal-identita` Franciza bin-numru 050827301040, akkuzat talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi bil-hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta` ta' haddiehor.

Rat l-Artikoli u cioe` l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Stante ammissjoni tal-imputati, qed issibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tikkundannahom Reprimand and Amenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------